# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Tmintax (18) ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru 3/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**Ashraf Mahdy Elnadar (K.I.182299M)**

**Vs**

**Id-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates**
**L-Onorevoli Segretarju Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru**
**L-Avukat Ġenerali**
**Identity Malta**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 3 ta' Jannar 2020, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

   1. *Illi r-rikkorrenti Ashraf Mahdy Elnadar iżżewweġ ċivilment lill-Josette Debattista, ċittadina Maltija fid-disa' (9) ta' Ġunju 1993, iċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħhom hawn aness u mmarkat bħala "Dok.A", u b'konsegwenza ta' dan ir-rikkorent ġie reġistrat bħala ċittadin ta' Malta fil-ħdax (11) ta' Jannar 1995;*

2. *Illi wara diversi snin, iż-żwieġ tar-rikorrent sfaxxja irrimedjabbilment, u iktar minn hekk ġie annullat għalkemm l-esponenti jżomm sod il-fehma tiegħu li, f'dawn l'atti, il-proċeduri ma ġewx segwiti korrettement u għalhekk jirriżerva li jipproċedi ulterjorment jekk ikun il-każ.*

3. *Illi wara li ż-żwieġ tiegħu ġie hekk dikjarat null, huwa baqa' jgħix Malta bħala ċittadin Malti mingħajr ebda xkiel;*

4. *Illi fis-sitta (6) ta' Frar 2001, ir-rikorrent iżżewweġ lil Mona Okily, persuna b'ċittadinanza Eġizzjana, kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħhom hawn anessa u mmarkata bħala "Dok B".*

5. *Illi minn dan iż-żwieġ ir-rikorrent kellu żewġt itfal, Mostafa Ashraf Mahdy u Josef Ashraf Mahdy, li twieldu f'Malta fis-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar 2001 u fl-erbgħa (4) ta' Lulju 2004 rispettivament , iċ-ċertifikati tat-twelid tagħhom hawn anessi u mmarkati bħala "Dok.C" u għalhekk għandhom ċittadinanza Maltija u huma forniti b'passaport Malti u huma Maltin mit-twelid tagħhom;*

6. *Illi fis-sena 2019 inbdew proċeduri biex ineżżgħu lir-rikorrent miċ-ċittadinanza Maltija tiegħu;*

7. *Illi l-Ministru kompetenti nnomina, a tenur tal-liġi, Kumitat ta' Inkjesta biex jirrapporta dwar il-każ tar-rikorrenti;*

8. *Illi l-esponenti jissottometti, bir-rispett, illi ma hemm l-ebda linja ċara ta' dimarkazzjoni bejn Identity Malta u is-Segratarjat Parlamentari tar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi u wisq aktar ma jara l-ebda imparzjalita fuq il-ħatra u finali eżitu tal-Kumitat ta' Inkjesta, li wara kollox, huwa appuntat mill-istess Onorabbli Segretarju Parlamentari u independentement mir-riżultanzi ta' dan il-Kumitat, fl-aħħar tal-ġurnata id-deċiżjoni ta' l-istess Onor Segretarju Parlamentari hija finali b'dan illi hemm trasgressjoni ċara tal-prinċipji fundamentali ta' 'Nemo Judex in Causa Propria' u 'Audi ed Alteram Partem'.*

9. *Illi in segwitu għad-dehra quddiem il-Kumitat, ir-rikorrenti ġie nfurmat, permezz ta' żewġ ittri, waħda tat-tnejn (2) ta' Diċembru u oħra tat-3 ta' Diċembru 2019, mis-Segretarju Parlamentari tar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi u Identity Malta, hawn anessi u mmarkati bħala "Dok. D u E" fejn ir-rikorrenti ġie nformat li għandu jiġi mneżża miċ-ċittadinanza Maltija tiegħu immedjatament;*

10. *Illi r-rikorrent, fil-fatt, kien għamel il-ħajja tiegħu u l-familja kollha f'Malta, tant li għandu sitt itfal b'ċittadinanza Maltija u ilu jgħix Malta għal dawn l-aħħar tmienja u għoxrin (28) sena;*

11. *Illi r-rikorrent, fil-proċeduri għat-tneħħija taċ-ċittadinanza tiegħu, ma ngħatax smiegħ xieraq minn tribunal imparzjali u ndipendenti, kif trid il-liġi u lanqas ingħata aċċess għall-Qorti fid-determinazzjoni tad-dritt tiegħu taċ-ċittadinanza;*

12. *Illi f'kwalunkwe każ, ma kinux jirrikorru ċ-ċirkostanzi f'liema huwa jista' jiġi mneżża miċ-ċittadinanza Maltija tiegħu billi l-għoti ta' dik iċ-ċittadinanza tiegħu kienet regolata mil-liġi, kif kienet in vigore fl-elf disa' mija disgħa u disgħin (1999), f'liema data huwa ngħata dik iċ-ċittadinanza u mhux mil-liġijiet posterjuri;*

13. *Illi, in realta', ma hux minnu li huwa ottjena l-istess ċittadinanza bi frodi, u għalkemm huwa minnu li ż-żwieġ tiegħu ma' Fiona Mifsud kien ġie dikjarat null, huwa minnu wkoll, u dan kif evidenti mill-fatt li dan iż-żwieg kien effettivament kunsmat u ma kienx xi żwieġ ta' konvenzjenza, tant li minnu kellu t-tifla Sarah Mohamed, u dan kif jiġi spjegat f'aktar dettal waqt dawn il-proċeduri;*

14. *Illi dan l-aġir jammonta għall-ksur tal-Artikolu 6 u tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem u kif ukoll tal-Artikoli rispettivi li jipproteġu l-istess drittijiet fil-Kostituzzjoni ta' Malta, u dana peress li, una volta ġie mneżża miċ-ċittadinanza Maltija, ir-rikorrenti jitqies bħala "Aljen" ġewwa Malta u bla stat, stante illi huwa kien irrinuzja għaċ-ċittadinanza ta' pajjiżu, u ċioe dik Eġizzjana, u għalhekk ir-rikorrenti ser ikun qed jitlef l-impjieg tiegħu u għalhekk il-mezz sabiex jżomm u jmantni lil familja tiegħu kif wkoll l-istess familja li ser tkun qed titħarbat b'mod irrimedjabbli.*

15. *Illi, per konsegwenza, anke martu ser tkun qegħda titlef l-istatus ta' moviment ħieles b'dan illi anke hija wkoll ser ikollha toħroġ minn dawn il-gżejjer, bil-konsegwenza li l-ulied, li hemm minnhom li għadhom minuri, ser jispiċċaw mingħajr l-ebda ġenitur u sors ta' dħul.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara illi (1) bil-fatti fuq esposti huwa sofra vjolazzjoni serja tad-drittijiet fondamentali tiegħu kif protetti skond l-Artikolu 6 u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem; (2) Tagħtih dawk ir-rimedji kollha xierqa u opportuni, fosthom li tannulla u tħassar l-ordni tas-Segretarju Parlamentari tar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi fuq imsemmi tat-tieni (2) ta' Diċembru 2019 u dik ta' Identity Malta tat-3 ta Diċembru 2019, kif fuq espost, b'liema hu ġie deprivat miċ-ċittadinanza tiegħu u b'hekk tagħtih kull rimedju xieraq u opportun għal din il-vjolazzjoni li huwa sofra.*

2. Rat illi fis-17 ta' Jannar 2020 l-intimati Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates, tal-Onorevoli Segretarju Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-proċessi Amministrattivi fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, tal-Avukat Ġenerali u tal-Identity Malta Agency**,** irrispondew għal dak mitlub billi qajmu is-segwenti difiżi:

*Illi l-eċċezzjonijiet tal-esponenti hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

*Illi l-ilment tar-rikorrent huwa fis-sens illi " fil-proċeduri għat-tneħħija taċ-ċittadinanza tiegħu, ma ngħatax smiegħ xieraq minn tribunal imparzjali u ndipendenti, kif trid il-liġi u lanqas ingħata aċċess għall-Qorti fid- determinazzjoni tad-dritt tiegħu taċ-ċittadinanza; ma kinux jirrikorru ċ-ċirkostanzi f'liema huwa jista' jiġi mneżża miċ-ċittadinanza Maltija tiegħu billi l-għoti ta' dik iċ-ċittadinanza tiegħu kienet regolata mil-liġi, kif kienet in vigore fl-elf disa' mija disgħa u disgħin (1999), f'liema data huwa ngħata dik iċ-ċittadinanza u mhux mil-liġijiet posterjuri; ma hux minnu li huwa ottjena l-istess ċittadinanza bi frodi;*
*u li dan l-aġir jammonta għall-ksur tal-artikolu 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja u dana peress li una volta ġie mneżża miċ-ċittadinanza Maltija r-rikorrenti jitqies bħala "Aljen" ġewwa Malta u bla stat u li anke martu ser tkun qiegħda titlef l-istatus ta' movement ħieles u li l-ulied uħud minnhom minuri ser jispiċċaw mingħajr l-ebda ġenitur u sors ta' dħul u jitlob wkoll li tiġi mħassra l-ordni ta' privizzazzjoni ta' ċittadinanza tat-2 ta' Diċembru 2019".*

*Illi l-esponenti jissottomettu li l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:-*

1. *Illi preliminarjament, l-esponenti jeċepixxu n-nuqqas ta' applikabbilita' tal-artikolu 6 u tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja u 1-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni għall-każ odjern;*

2. *Illi l-esponenti ser jelenkaw il-fatti kif żvolġew:*

   *Illi fid-**9 ta' Ġunju 1993**, l-attur u Josette Debattista żżewġu. Illi fil-**11 ta' Jannar 1995** huwa applika sabiex jsir ċittadin Malti u ġie reġistrat bħala ċittadin Malti. Illi permezz tas-sentenza tat-**30 ta' Novembru 2003** mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet "Ashraf el Nodar vs Josette (Giuseppa) El Nodar xebba Debattista" (Ċit numru 3388/96NA; kopja informali tas-sentenza hawn annessa u mmarkata bħala Dok 'CZl'), ż-żwieġ surreferit ġie ddikjarat null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba li l-kunsens tal-attur kien simulat u ċioe' inkiseb bl-esklużjoni posittiva taż-żwieġ innifsu. Dik il-Qorti kkunsidrat illi:*

*"L-attur daħal għal dan iż-żwieġ prinċipalment, jekk mhux unikament, biex jakkwista il-Freedom of Movememt f'Malta..."*

*Illi għalhekk, permezz tas-sentenza suċitata ġie deċiż illi tali żwieġ ġie simulat mir-rikorrent u kien żwieġ ta' konvenjenza. Fis-**6 ta' Frar 2001** l-attur iżżewweġ fl-Eġittu lil Mona Abdel Latif Okily u minnha għandu żewġt itfal;*

*Illi fit-**28 ta' Frar 2019** id-Direttur taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates infurmat lir-rikorrent li, ai termini ta' l-artikolu 14 (1) tal-Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta, ingħatat ordni sabiex hu jiġi privat miċ-Ċittadinanza tiegħu stante li din ġiet akkwistata bi frodi (hawn annessa u mmarkata bħala Dok 'CZ 2').*

*Illi r-rikorrent ġie infurmat fl-ittra surreferita li ai termini tas-subartikolu 4 tal-artikolu 14 tal-Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta huwa kellu dritt għal Inkjesta kif stabbilit f'dak l-att qabel l-ordni għad-deprivazzjoni taċ-ċittadinanza jiġi eżegwit u ġie avżat li tali dritt kellu jiġi eżerċitat fi żmien 21 ġurnata min-notifika tal-istess ittra. Ir-rikorrent oġġezzjona għal tali ordni u għamel talba għal inkjesta relattiva fl-14 ta' Marzu 2019 (hawn anessa u mmarkata bħala Dok 'CZ 3');*

*Illi r-rikorrent ġie infurmat illi kienet ser tinżamm seduta fit-8 ta' Novembru 2019 fil-Qrati ta' Malta il-Belt Valletta kif fil-fatt ġara. Il-Kumitat tal-Inkjesta għadda sabiex jiċħad it-talba tar-rikorrent;*

*Illi fit-3 ta' Diċembru 2019, id-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates, Dr Jessica Rita Galea, infurmat lir-rikorrent, permezz tal-ittra, li s-Segretarja Parlamentari għar-Riformi u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi kkonfermat l-ordni li r-rikorrent jiġi deprivat miċ-Ċittadinanza Maltija b'effett immedjat stante illi din ġiet akkwistata bi frodi u li għandu jirritorna d-dokumenti relattivi ossia ċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni bħala ċittadin Malti. F'tali ittra ġiet annessa l-ordni ta' deprivazzjoni tat-2 ta' Diċembru 2019, iffirmata mill-Onorevoli Julia Farrugia Portelli; (hawn annessi u mmarkati bħala Dok 'CZ 4' u Dok 'CZ 5')*

*Illi l-esponenti jirrilevaw illi kontra għal dak li jingħad fil-paragrafu 13 tar-rikors in risposta, ma jirriżultax illi l-attur kien miżżeweġ lill-Fiona Mifsud u kellu tifla bl-isem Sarah Micallef. Illi aktar min hekk hemm diverġenza fl-istess rikors ta' kemm tfal għandu l-attur. Dan il-punt qiegħed jiġi sollevat ai fini ta' kjarezza fattwali;*

3. *Illi l-esponenti jeċċepixxu illi m'hemm ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta stante illi l-Kumitat tal-Inkjesta maħtur ai termini tal-artikoli 14 (4) u (5) tal- Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta m'huwiex marbut bl-artikolu 6 tal- Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dan għaliex l-għoti ta' Ċittadinanza Maltija m'hijiex dritt Ċivili imma, semmai, taqa' taħt l-isfera tad-Dritt Pubbliku. Dan jfisser illi tali proċeduri quddiem l-Kumitat tal-Inkjesta m'humiex suġġetti għall-import tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-Qrati Nostrana kif wkoll il-Qrati Ewropej kellhom l-okkażjoni kemm il-darba illi jippronunzjaw ruħhom dwar dan il-punt. Per eżempju fis-sentenza fl-ismijiet "**Fatiha Khallouf vs Ministru tal-Affarijiet Barranin u l-Avukat Ġenerali**" (69/11) deċiża fl-14 ta' Marzu 2014 mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) (kif ikkonfermata fl-appell fil-31 ta' Ottubru 2014 mill-Qorti Kostituzzjonali) fejn ikkunsidrat illi:*

> *"Inoltre r-rikorrenti titkellem ukoll, fir-rikors promotur tagħha, dwar li hemm ukoll vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni. Dan l-artikolu jitkellem dwar smiegħ xieraq. Inoltre, fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha, ir-rikorrenti tispeċifika li tikkontendi li hi ma ngħatatx smiegħ xieraq quddiem il-Kumitat ta' Inkjesta ta' privazzjoni ta' ċittadinanza. Minn naħa tagħhom l-intimati, f'dan ir-rigward, isostnu li l-artikolu tal-Konvenzjoni in kwistjoni mhux applikabbli stante illi ċ-ċittadinanza mhux dritt jew obbligu ċivili protett mill-Konvenzjoni Ewropea, iżda hu dritt pubbliku. Inoltre, l-intimati jissottomettu li l-Kumitat tal-Inkjesta in kwestjoni m'għandux jitqies li hu Qorti u lanqas li hu awtorita' ġudizzjarja mwaqqfa b'liġi.*
>
> *Dwar il-kumitati ta' inkjesta, l-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' Frar, 2012 (Appell Ċivili numru. 46/2007/1) fil-kawża bl-ismijiet '**Mustefa Mustefa Al Muhamad vs Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni et**' irriteniet li - 'l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jgħodd kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali jew fi proċeduri għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili. L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jgħodd biss f'każ ta' deċiżjoni tad-drittiiiet ċivili u obbligazzjonijiet, jew fil-każ ta' xi akkuża kriminali ... Għalhekk id-deċiżjoni tal-kumitat ta' inkjesta ma hijiex "determinanti" għad-drittiiiet tal-attur u, għal din ir-raġuni, il-każ ma jaqax taħt l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni jew l-art. 6 tal-Konvenzjoni. Għalhekk anke din is-sottomissjoni tar-rikorrenti ma tistax tiġi akkolta, stante li ċ-ċittadinanza ma hijiex "dritt ċivili" għall-finijiet tal-Artikolu 6*

*tal-Konvenzjoni li fuqu qed tistrieħ ir-rikorrenti. Inoltre fil-kawża fl-ismijiet "**Abera Woldo Hiwot et vs Professur Dr. Henry Frendo et**" deċiża fit-18 ta' Novembru 2004 jingħad li "hija ġurisprudenza stabbilita illi l-proċeduri dwar tkeċċija ta' min mhuwiex ċittadin tal-pajjiż ma humiex proċeduri li fihom tingħata deċiżjoni dwar drittijiet ċivili, u għalhekk ma jintlaqtux mill-provvedimenti dwar smigħ xieraq."*

*Inoltre l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-6 ta' Frar 2003 fil-każ ta' "**Mamatkulov u Abdurasulovic kontra t-Turkija**" fejn il-Qorti qalet- "The court reiterates that decisions regarding the entry stay and deportation of aliens do not concern the determination of an applicant's civil rights or obligations or of a criminal charge against him, within the meaning of Article 6 § 1 of the Convention (Maaouia v. France IGC1, no 39652/98, § 40, ECHR 2000-X). «2. Consequently, Article 6 § 1 is not applicable in the instant case." Kwindi ma għandhiex raġun ir-rikorrenti tgħid illi s-smiegħ mill-Bord tal-Inkjesta jivvjola l-artikolu 6 għaliex bid-deċiżjoni ta' dak il-bord, ma ġewx determinati d-drittijiet ċivili tar-rikorrenti skond it-tifsira tal-istess Artikolu 6. Konsegwentament l- artikolu 6 lanqas biss japplika."*

4. *Illi l-esponenti jeċċepixxu illi lanqas jista' jingħad illi jekk il-Ministru jiddeċiedi li jsegwi r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Inkjesta huwa jkun qiegħed jikser l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Fuq dan il-punt l-esponenti jagħmlu referenza għad-deċiżjoni tal-Prim' Awla fis-sede Kostituzzjonali fis-sentenza tal-5 ta' April 2011 (Rikors Numru. 33/2006) fl-ismijiet "**Tarek Mohammed Ibrahim vs Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern u Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u ta' l-Expatriates**" fejn ikkunsidrat illi:*

   *"Jidher ċar li taħt dawn l-artikoli ma jistax jinsab ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent anke jekk il-Ministru jagħżel li jsegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Inkjesta."*

5. *Illi l-esponenti jeċċepixxu illi ġialdarba l-għoti jew tneħħija ta' Ċittadinanza ma' taqax taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, huwa sintomatiku illi ma jistax jkun hemm leżjoni ta' dritt t'aċċess għal Qorti kif qiegħed jiġi allegat mill-attur;*

6. *Illi fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrent illi l-ordni għad-deprivazzjoni taċ-Ċttadinanza tiegħu jikser d-dritt tiegħu għal ħajja Ċivili u għal Familja kif protett taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni*

*Ewropea, l-esponenti jeċċepixxu illi meta ordni (bħal dak tat-2 ta' Diċembru 2019) joħroġ skond il-Liġi, ma jistax jirriżulta illi jkun hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet "**Fiona Mifsud vs Adel Mohammed**" (ċitazzjoni numru: 1099/2001/1) ikkunsidrat b'mod ċar illi għar-rikorrent iż-żwieġ ma Fiona Mifsud kien żwieġ ta' konvenjenza:*

*"Mill-provi prodotti jirriżulta li l-konvenut kellu għan wieħed li jiżżewweġ u dan sabiex jgħix Malta u sab lill-Attriċi nfattwata fuqu u inesperta għal kollox sabiex takkomodah f'din ix-xewqa tiegħu, ċirkostanzi dawn li qatt ma għandhom iwasslu għall-pass taż-żwieġ u dan għaliex iż-żwieġ li huwa istituzzjoni serja u nobbli fiha nnifisha, li ma jippermettix li jiġi utilizzat u abbużat b'dan il-mod u inqas u inqas għal skopijiet egoistiċi tal-konvenut sabiex jakkwista l-permanenza tiegħu f'dan il-pajjiż ..."*

*Illi minn din is-silta, dina l-Onorabbli Qorti tista' faċilment tasal għal konklużjoni illi ġialadarba l-ordni mill-esponenti Direttur taċ-Ċittidananza u Segretarju Parlamentari kif wkoll l-konklużjonijiet tal-Kumitat tal-Inkjesta ma ngħatawx in vacuo imma senjatament fl-isfond ta' fatti ġia konstatati mill-Qorti fl-istess sentenza suċitata u abbażi tal-artikoli 14 (1) u l-artikolu 14 (4) u (5) tal-Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta rispettivament u għalhekk skond il-Liġi;*

7. *Illi l-esponenti jeċċepixxu l-kompetenza ta' din il-Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali iżda ċertament li ma tistax tistħarreġ jekk il-Kumitat tal-Inkjesta rrakomandax b'mod tajjeb u korrett l-ilment u jekk l-intimat Segretarju Parlamentari wettqitx azzjoni korretta. Madanakollu jekk dina l-Onorabbli Qorti tagħmel tali eżerċizzju, l-esponenti jeċepixxu illi l-esponent Segretarju Parlamentari kienet korretta meta ħarġet l-ordni tat-2 ta' Diċembru 2019 fil-konfront tal-attur. Ġialadarba s-sentenza tal-4 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet "**Fiona Mifsud vs Adel Mohammed**" (Ċitaz. numru: 3388/96) li għaddiet in ġudikat iddeċidiet b'mod ċar illi ż-żwieġ tiegħu kellu jiġi ddikjarat null ai termini tal-artikolu 19 (1) D u F tal-Kap 255 (ossia simulazzjoni u żwieġ ta' konvejenza) u li ċ-Ċittadinanza Maltija tiegħu ġiet akkwistata b'konsegwenza ta' tali żwieġ, allura m'ebda dubju illi ċ-Ċittadinanza ġiet akkwistata bi frodi u bil-Liġi huwa kellu jiġi żvestit minn dak il-privileġġ illi s-Stat Malti kien ikkonċedielu. Il-Prim' Awla fis-sede Kostituzzjonali tagħha diversament preseduta fis-26 ta' Ġunju, 2015 (Ċitazzjoni Numru. 33/2006/1) fis-sentenza "**Tarek Mohamed Ibrahim Vs Vici Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern u Direttur tad-***

***Dipartiment taċ-Ċittadinanza u ta' l-Expatriates**" fil-fatt kkunsidrat illi:*

> *"meta r-rikorrent applika għaċ-ċittadinanza Maltija l-liġi kienet ċara li f'każ ta' qerq tista' titneħħa."*

8. *Illi l-Prim' Awla fis-sede Kostituzzjonali tagħha diversament preseduta fis-26 ta' Ġunju, 2015 (Ċitazzjoni Numru. 33/2006/1) fis-sentenza "**Tarek Mohamed Ibrahim Vs Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern u Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates**" f'ċirkostanzi versomili għall-mertu odjern kkunsidrat illi:*

> *"Skond Artikolu 7 tal-European Convention on Nationality, waħda miċ-ċirkostanzi fejn Stat jista' jneħħi nationality ta' persuna hu fejn l-akkwist kien b'riżultat ta' 'fraudulent conduct'. Nationality hi definita bħala "legal bond between a person and a State and does not indicate the person's ethnic origin ".*

*Għalhekk, għandu jirriżulta ċar kristallin li jeżisti l-element tal-qerq li huwa wieħed miċ-ċirkostanzi li fuqhom l-intimat seta' legalment joħroġ ordni ta' privazzjoni miċ-ċittadinanza ai termini tal-Art. 14 [1] tal-Kap. 188, u f'dan is-sens m'għandux ikun hemm dubju li l-interferenza tal-Istat, konsistenti fil-ħruġ tal-ordni tal-privazzjoni miċ-ċittadinanza fil-konfront tar-rikorrenti, ma kenitx waħda arbitrarja, kif sostnut minnha, iżda kienet waħda leġittima fit-termini tal-artikolu preċitat.*

> *"Il-Qorti Kostituzzjonali għamlitha ċara li d-dritt taċ-ċittadinanza m'huwiex wieħed mid-drittiiiet sostantivi tal-Konvenzjoni."*

9. *Illi l-esponenti jeċċepixxu m'huwiex minnu kif sostnut mir-rikorrent illi huwa apolidu. Fl-ewwel lok l-esponenti jissottomettu illi meta ingħata ċ-ċittadinanza l-Liġi nostrana kienet tirrikjedi illi huwa jagħmel denunzja illi qiegħed jirrinunzja għaċ-Ċittadinanza nativa tiegħu. Madanakollu ma jirriżultax, sakemm ma tinġabx prova kuntrarja, illi ġie dekretat fl-Eġittu illi huwa m'għadux ċittadin Eġizzjan. Illi madanakollu fuq dan il-punt, din il-Qorti diversament preseduta diġa' kellha l-opportunita' tippronunzja ruħha fis-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2016 fir-rikors numru: 33/2006 fl-ismijiet "**Tarek Mohamed Ibrahim v. Via Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern et**":*

> *"Verament, ukoll jekk dan hu minnu, dan ma jfissirx li d-deċiżjoni tal-Ministru kienet arbitrarja; se mai turi nuqqas gravi ta' responsabbilità minn naħa tal-attur jekk, biex kiseb iċ-*

*ċittadinanza ta' Malta, irrinunzja għal dik ta' pajjiżu meta jaf li, għax iċ-ċittadinanza Maltija kisibha b'qerq, seta' jitlifha hekk kif jinkixef il-qerq."*

10. *Illi l-esponenti jeċepixxu illi l-UNHCR Convention on the Reduction of Stateless tal-1961 fl-artikolu 8 tistipula illi:*

*"Article 8*

*1. A Contracting State shall not deprive a person of its nationality if such deprivation would render him stateless. 2. Notwithstanding the provisions of paragraph 1 of this Article, a person may be deprived of the nationality of a Contracting State:*

*(a) in the circumstances in which, under paragraphs 4 and 5 of Article 7, it is permissible that a person should lose his nationality;*

*(b) where the nationality has been obtained by misrepresentation or fraud."*

*Illi għaldaqstant minkejja illi l-esponenti jsostnu illi l-attur mhuwiex apolidu, anki f'dik il-peggior ipotesi huwa żbaljat ir-rikorrent meta jallega illi ma kinux jirrikorru ċ-ċirkostanzi sabiex l-istat Malti jirrevokalu ċittadinanza akkwistata bi frodi;*

11. *Illi fir-rigward tal-allegazzjoni illi huwa ma jistgħax jaħdem ġewwa Malta u ma jkunx jista' jmantni t-tfal minuri tiegħu, ssir referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fl-ismijiet "**Gerardo Ruiz Zambrano V. Office national de l'emploi (ONEm)**" deċiża fit-8 ta' Marzu 2011 fejn dik il-Qorti kkunsidrat illi:*

*"Accordingly, the answer to the questions referred is that Article 20 TFEU is to be interpreted as meaning that it precludes a Member State from refusing a third country national upon whom his minor children, who are European Union citizens, are dependent, a right of residence in the Member State of residence and nationality of those children, and from refusing to grant a work permit to that third country national, in so far as such decisions deprive those children of the genuine enjoyment of the substance of the rights attaching to the status of European Union citizen."*

*Mill-qari tal-istess import tas-sentenza wieħed jifhem illi stat membru huwa prekluż milli jirrifjuta residenza jew jirrifjuta permess' ta xogħol lill-persuna ta' nazzjonalita' terza meta din*

*jkollha tfal minuri li huma ċittadini Ewropej u li jiddependu mill-istess persuna;*

12. *Illi jekk, għal grazzja tal-argument, dato ma non concesso, jissottomettu illi jekk jiġi ppruvat illi r-rikorrent ser jiġi apolidi, dan ma jfissirx illi huwa bil-fors ser jitlef id-dritt illi jgħix ġewwa Malta. Il-Prim' Awla fis-sede Kostituzzjonali tagħha fis-26 ta' Ġunju, 2015 (Ċitazzjoni Numru. 33/2006/1) fis-sentenza "**Tarek Mohamed Ibrahim Vs Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern u Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u ta' l-Expatriates**" fil-fatt stħarrġet dan il-punt u kkunsidrat illi:*

> *"Il-fatt li r-rikorrent tneħħietlu ċ-ċittadinanza ma jfissirx li titlef id-dritt li jgħix f'Malta (ara Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217 fejn per eżempju l-liġi tikkontempla applikazzjoni għall-ħruġ ta' residence permit). F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża R. Louay vs Vici Prim Ministru et tal-25 ta' Mejju 2012 (§46-§48)."*

*Illi fil-kawża "**R. Loay Vs Viċi Prim Ministru et**" deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Mejju 2012 il-Qorti kkunsidrat illi:*

> *"Ir-rikorrent jallega ksur tal-Artikolu 8 għaliex jirritjeni li huwa qiegħed jiġi mċaħħad miċ-ċittadinanza u mid-dritt tar-residenza f'Malta u li b'hekk ser ikollu konsegwenzi serji fuq id-dritt tiegħu li jkompli jżomm il-familja li huwa għandu llum. It-tneħħija taċ-ċittadinanza, iżda, ma tfissirx neċessarjament li r-rikorrent ser jiġi wkoll mċaħħad milli jirrisjedi f'Malta. Ma saret ebda prova ta' xejn li l-awtoritajiet ħadu xi deċiżjoni li huwa ma jitħalliex jirrisjedi f'Malta anqas li r-rikorrent applika għal residenza f'Malta u din ġiet miċħuda. Anqas tirriżulta xi ordni għat-tneħħija minn Malta tar-rikorrent (removal order). Anqas prova fuq bażi ta' probabbilita', u ċioe' li r-rikorrent x'aktarx ser jigi ordnat jitlaq minn Malta, ma saret u għalhekk ir-rikorrent ma jistax jallega li d-drittijiet tiegħu għal familja "x'aktarx" ser jiġu miksura, u di fatti jallega biss li sofra, u mhux li x'aktarx ser isofri, ksur tad-drittijiet tiegħu."*

13. *Illi finalment fir-rigward tal-Liġi li kienet in vigore fl-1999 u li l-Liġi applikata fl-ordni tat-2 ta' Diċembru 2019 għaċ-ċittadinanza mogħtija fis-sena 1999 ossia l-artikolu 14 tal-Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi eċċepit illi l-artikolu 27 (1) u (2) tal-istess Kapitolu 188 tal-Liġijiet ta' Malta m'għandux jiġi interpretat fis-sens illi nbiddlu xi disposizzjonijiet jew ġew affettwati disposizzjonijiet fir-rigward ta' priviżazzjoni ta' ċittadinanza. Infatti anki minn analiżi prima facie tal-Att numru IV tal-2000 dan ma jagħmilx*

> *referenza għal ebda tibdil fis-sezzjoni ta' priviżazzjoni taċ-Ċittadinanza. Tajjeb li jiġi spjegat illi d-disposizzjonijiet dwar il-priviżazzjoni ta' ċittadinanza ilhom jeżistu minn meta l-att dwar iċ-Ċittadinanza ġie promulgat fl-1965. Għalhekk dan l-ilment jisfa bħala wieħed żbaljat;*

**Provi:**

3. Rat li fil-11 ta' Frar 2020 il-kawża tħalliet għall-provi.

4. Rat l-affidavit ta'l-**Imam Mohamed Elsadi** ippreżentat fit-30 ta' Ġunju 2020 (fol 45).

5. Rat l-affidavit ta' **Josef Elnadar Ashraf Mahdy** ippreżentat fit-30 ta' Ġunju 2020 (fol 46).

6. Rat l-affidavit ta' **Mario Bonavia** ippreżentat fit-30 ta' Ġunju 2020 (fol 47).

7. Semgħet ix-xhieda ta' Ashraf Mahdy Elnadar moghtija fit-3 ta' Diċembru 2020 (fol 52).

8. Semgħet ix-xhieda ta' **Dr. Jessica Rita Galea**, Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza, mogħtija fl-24 ta' Frar 2021 (fol 72).

9. Rat in-nota tad-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates ippreżentata fis-26 ta' Frar 2021, li permezz tagħha ġiet ippreżentata id-dokumentazzjoni rikjesta fl-ottika ta' dak diskuss fix-xhieda ta' Dr. Jessica Rita Galea (fol 80).

10. Rat in-nota ta' Elnadar Ashraf Mahdy ippreżentata fis-6 ta' Ottubru 2021 li permezz tagħha, ġie ppreżentat dokument mill-Ambaxxata tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, fejn jidher li r-rikorrent irrinunzja għaċ-ċittadinanza Eġizzjana sabiex jottjeni ċittadinanza Maltija. (fol 125).

11. Rat li fl-10 ta' Novembru 2021, l-avukat difensur tar-rikorrent iddikjarat li m'għandhiex aktar provi x'tippreżenta.

12. Rat l-affidavit ta' Dr. Jessica Rita Galea, flimkien ma' dokumenti annessi ippreżentata fl-1 ta' Frar 2022 (fol 130).

13. Rat li fit-28 ta' April 2022 il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet wara li ġie dikjarat li ngħalqu l-provi tal-partijiet

14. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent ippreżentata fil-31 ta' Mejju 2022 (fol 143).

15. Rat in-nota ts' sottomissjonijiet tad-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates, tal-Onorevoli Segretarju Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza

u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, tal-Avukat Ġenerali, u ta' Identity Malta Agency (fol 155).

16. Rat illi fl-14 ta' Lulju 2022 il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Fatti tal-każ**

17. Jirriżulta, mill-provi mressqa quddiem dina l-Qorti, li fid-**9 ta' Ġunju 1993**, ir-rikorrent iżżewweġ lil Josette Debattista.

18. Jirriżulta illi, sussegwentement, ir-rikorrent, applika biex isir ċittadin ta' Malta, u sussegwentement fil-**11 ta' Jannar 1995** ġie reġistrat bħala ċittadin Malti.

19. Jirriżulta li, fit-**3 ta' Diċembru 1996**, ir-rikorrent intavola proċeduri ta' annullament taż-żwieg li kellu ma' Josette Debattista, u dan fil-kawża fl-ismijiet '**Ashraf El Nodar vs Josette Giuseppa) El Nodar xebba Debattista' (Rik Nru 3388/96 NA)**', liema żwieġ ġie annullat permezz ta' sentenza datata **30 ta' Novembru 2000**, fejn il-Qorti ddikjarat li ż-żwieġ kien null u bla effett ai termini tal-artikolu 19(1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta, peress li l-kunsens tar-rikorrent kien stimulat.

20. Jirriżulta, li sussegwentement, ir-rikorrent reġa' żżewweġ, din id-darba fl-Eġittu, u dana fis-**6 ta' Frar 2001** lil Mona Abdel Latif Okily u minn dana ż-żwieġ għandu żewġt itfal, li twieldu f'Malta fis-26 ta' Jannar 2001 u fl-4 ta' Lulju 2004 rispettivament.

21. Jirriżulta li fit-**28 ta' Frar 2019**, id-Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriates infurmat lir-rikorrent li, a tenur tal-artikolu 14(1) tal-Kap 188, kienet ser tingħata l-ordni sabiex huwa jiġi privat miċ-ċittadinanza peress illi dina kienet ġiet akkwistata bi frodi, u huwa seta' jappella minn tali deċiżjoni.

22. Jidher illi, fl-**14 ta' Marzu 2019**, fuq talba tiegħu, infetħet Inkjesta a tenur tal-Kap 188, sabiex tiġi mistħarrġa d-deċiżjoni li kienet ttieħdet, quddiem liema Kumitat tal-Inkjesta huwa kien ser jidher sabiex jagħmel il-każ tiegħu.

23. Jirriżulta sussegwentement, ir-rikorrent attenda għal seduta ta' l-inkjesta fit-**8 ta' Novembru 2019**.

24. Jirriżulta illi, eventwalment, fit-3 ta' Diċembru 2019, ir-rikorrent ġie infurmat li, fit-**2 ta' Diċembru 2019**, kienet inħarġet l-Ordni sabiex titneħħielu ċ-ċittadinanza Maltija b'effett immedjat. Fil-fatt ir-rikorrent eżebixxa l-ittra dok D a fol 8 li biha ġie mgħarraf b'dan.

**Ikkunsidrat**

25. Jirriżulta illi, permezz tal-azzjoni preżenti, r-rikorrent qiegħed jilmenta li sofra leżjoni tad-drittijiet tiegħu, u dan ai termini tal-Artikolu 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, fejn il-bażi tat-talba tar-rikorrent hija li, fil-

proċedura għat-tneħħija taċ-ċittadinanza tiegħu huwa ma ngħatax smigħ xieraq, u kif ukoll illi, riżultat tad-deċiżjoni, ġie leż id-dritt tiegħu għal familja.

26. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimati, qajmu s-segwenti difiżi:

a. In-nuqqas ta' applikabilita` tal-artikolu 6 u tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni għall-każ odjern.

b. M'hemm l-ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni stante li l-Kumitat ta' inkjesta maħtur ai termini tal-artikoli 14(4) u (5) tal-Kap 188 tal-Liġijiet ta' Malta mhuwiex marbut bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, dan għaliex l-għoti ta' ċittadinanza Maltija mhijiex dritt ċivili imma taqa' fl-isfera ta' dritt pubbliku.

c. Jekk il-Ministru jsegwi d-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Inkjesta, ma jistax jingħad li jkun qed jikser l-Artikolu 6 u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

d. Ma jistax ikun hemm leżjoni ta' dritt ta' aċċess għal Qorti kif allegat mir-rikorrent ġialadarba l-għoti u t-tneħħija taċ-ċittadinanza ma jaqgħux taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

e. Meta l-ordni għad-deprivazzjoni taċ-ċittadinanza toħroġ skont il-Liġi ma jistax ikun hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

f. Il-kompetenza ta' din il-Qorti hija biss biex tinvestiga kienx hemm vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali iżda ċertament ma tistax tindaga dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Inkjesta.

g. Kif dikjarat fil-ġurisprudenza, ġie ribadit, li d-dritt taċ-ċittadinanza mhuwiex wieħed mid-drittijiet sostantivi tal-Konvenzjoni.

h. Mhuwiex minnu li r-rikorrent huwa apolidu, għaliex għalkemm il-ligi nostrana meta huwa ottjena ċ-ċittadinanza kienet tirrikjedi illi huwa jagħmel denunzja li qed jirrinunzja għaċ-ċittadinanza nativa tiegħu, ma inġabitx prova li huwa m'għadux ċittadin ta' l-Eġittu.

i. Ir-rikorrent huwa żbaljat meta jallega li ma kinux jirrikorru ċirkostanzi sabiex l-Istat Malti jirrevokalu ċ-ċittadinanza akkwistata bi frodi.

j. Il-fatt li r-rikorrent għandu t-tfal m'għandux jimpinġi fuq iċ-ċittadinanza, għaliex il-fatt li għandu t-tfal, fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea huwa xorta jkollu residenza jew permess ta' xogħol.

k. Id-deprivazzjoni taċ-ċittadinanza ma jfissirx li huwa jitlef awtomatikament id-dritt li joqgħod f'Malta.

l. B'referenza għall-artikolu 27 (1) u (2) tal-Kap188, m'għandux jiġi interpretat li nbidlu xi disposizzjonijiet jew ġew effetwati disposizzjonijiet fir-rigward tad-deprivazzjoni taċ-ċittadinanza.

**Mertu tal-każ**

27. Bħala fatti jirriżulta, li r-rikorrent iżżewweġ lil Josette Debattista, ċittadina Maltija fid-9 ta' Ġunju 1993, wara liema żwieġ huwa ġie reġistrat bħala ċittadin Malti fil-11 ta' Jannar 1995. Jirriżulta wkoll bħala fatt illi sussegwentement ir-rikorrent intavola proċeduri ta' annullament taż-żwieġ u ottjena l-annullament fit-30 ta' Novembru 2000.

28. Jirriżulta illi, fid-deċiżjoni tal-Qorti, hija għamlet is-segwenti osservazzjoni:

> *Huwa suffiċjenti illi l-Qorti tikkwota bran mix-xhieda mogħtija mill-attur fl-Affidavit tiegħu biex hija tasal għal dawk il-konklużjonijiet (*li l-kunsens kien ivvizzjat bl-elużjoni posittiva ta' element essenzjali tal-ħajja miżżewġa*):*
>
> ***"Pero', xi tlett xhur qabel iżżewwiġna, wara pressjoni kontinwa minn naħa tiegħi, il-konvenuta aċċettat li tiżżewwiġni bil-kundizzjoni li kulħadd jibqa' jgħix ħajtu. Fil-fatt hi pproponiet li wara ż-żwieġ nibqgħu ngħixu għal rasna u niltaqgħu kuljum. Jiena kont aċċettajt din il-proposta. Qaltli wkoll li kienet lesta tiżżewwiġni bil-kundizzjoni li ma nindaħlux fil-ħajja personali ta' xulxin."***
>
> *Finalment, huwa ovvju li l-attur ried jiżżewweġ prinċipalment, jekk mhux unikament, biex jakkwista l-freedom of movement f'Malta.*

29. Il-Qorti tosserva illi fir-rikors promotur, ir-rikorrent ddikjara illi huwa żżewweġ ma' Fiona Mifsud u kellu tarbija bl-isem ta' Sarah Mohammed – dana kollu ma jirriżultax minnu, w il-Qorti tqis illi dana kien żball ta' l-abbli difensur tar-rikorrenti meta rrediġa rrikors promotur.

30. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi r-rikorrent tlett xhur wara s-sentenza tal-annullament, fis 6 ta' Frar 2001, reġa' żżewweġ, din id-darba ġewwa l-Eġittu u persuna ta' nazzjonalita' Eġizzjana, li sussegwentement ġiet Malta u qiegħda issa tirrisjedi Malta flimkien ma' żewġt itfal illi kellhom f'Malta miż-żwieġ tagħhom.

31. Jirriżulta illi, permezz ta' ordni tat-2 ta' Diċembru 2019 mis-Segretarja Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, ġie nfurmat li r-rikorrent kien tneżża miċ-ċittadinanza Maltija.

32. Għalhekk, l-ilment tar-rikorrent huwa ibbażat fuq l-imsemmija ordni ta' privazzjoni taċ-ċittadinanza Maltija, fejn qed isostni li d-drittijiet tiegħu kif protetti fl-artikolu 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ġew leżi.

33. L-intimati fl-eċċezzjonijiet u fis-sottomissjonijiet tagħhom isostnu, in-nuqqas ta' applikabilita` tal-Artikolu 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. L-argument ta' l-intimati huwa li dawn l-artikoli huma inapplikabbli stante li l-materja li tirrigwarda għoti jew tneħħija ta' ċittadinanza

hija kwistjoni ta' dritt pubbliku u għalhekk ma tikkwalifikax bħala 'dritt jew obbligu ċivili' għall-finijiet tal-istess artikoli tal-liġi.

34. Il-Qorti tosserva illi, sabiex jiġi kkunsidrat tali linja ta' difiża, l-Qorti trid teżamina l-fatti sabiex jiġi vverifikat jekk kienx hemm ksur ta' dawn l-artikoli kif allegat jew le, u ma tistax tgħaddi biex tilqa' tali eċċezzjonijiet mingħajr ma tagħmel tali eżami.

35. Jiġi rrilevat, l-ewwel u qabel kollox, illi l-Artikolu 39 ma ssemmiex imkien fil-premessi u fit-talbiet u għalhekk hija ser tistħarreġ biss jekk hemmx ksur tal-jeddijiet invokati mir-rikorrent abbażi tal-Artikolu 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

36. L-**<u>Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea</u>** jipprovdi:

> "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali imwaqqaf b'liġi ...*"

37. Illi skont l-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick**, fil-ktieb "Law of European Convention on Human Rights

> *A number of specific rights have been added to Article 6(1) through the medium of its 'fair hearing' guarantee. The first of these to be established were 'equality of arms' and the right to a hearing on one's presence. A breach of such a speċifiċ right may itself amount to a breach of the right to a 'fair hearing' without any need to consider other aspects of the proceedings. As noted, in cases not involving a breach of a specific right, the Court may nonetheless find a breach of the right to a 'fair hearing' on a 'hearing as a whole' basis."*

38. Kif fuq insenjat, il-kunċett ta' smigħ xieraq jiddependi mill-*iter* proċesswali adoperat fil-kuntest tal-persuna in kwistjoni u ċioe` smigħ fil-preżenza tal-*equality of arms*.

39. Jirriżulta illi, f'dan il-każ, il-proċedura saret quddiem il-Bord tal-Kumitat ta' Inkjesta, li huwa mwaqqaf b'liġi kif deskritt fl-artikolu 14(4) u (5) tal-Kap 188 tal-Liġijiet ta' Malta, u għandu setgħat u drittijiet ta' Qorti, għalkemm mhuwiex minnu innifsu Qorti jew Tribunal.

40. Il-Qorti tqis illi la darba tali Kumitat ta' Inkjesta, kif tajjeb deskritt mill-intimat fis-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tiegħu, huwa il-"*lunga manus*' tal-eżekuttiv, jeħtieġ li jiġi assikurat li l-prinċipji enunċjati fl-artikoli 6 jiġu ssalvagwardjati wkoll.

41. Għalhekk, jispetta lir-rikorrent sabiex jintwera u jiġi ppruvat li huwa ġarrab ksur ta' smigħ xieraq kif allegat, fil-karenza ta' liema prova, l-ilment tar-rikorrent ikun infondat fil-fatt u fid-dritt.

42. Jirriżulta, mhux kontestat mir-rikorrent stess, illi wara li għamel l-appell quddiem tal-Kumitat ta' Inkjesta, deher quddiem l-istess Kumitat sabiex jagħmel il-każ tiegħu, liema appell, iżda, ma kienx milqugħ.

43. Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi, għalkemm l-ilment tar-rikorrent a tenur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa ta' nuqqas ta' smigħ xieraq, ma saret l-ebda allegazzjoni sostanzjata mir-rikorrent li kien hemm attwalment xi nuqqas ta' smigħ xieraq fil-konfront tiegħu. Ir-rikorrenti jonqos milli jelabora fuq tali allegazzjoni filwaqt illi kull ma rriżulta kien li l-proċess quddiem il-Kumitat ta' Inkjesta tmexxa skont il-proċedura stabbilita u huwa ngħata dritt ta' smigħ.

44. Il-ġurisprudenza ċitata fis-sottomissjonijiet mill-abbli difensur tar-rikorrent jirreferu għall-Artikolu 6 in ġenerali u mhux speċifikament relevanti għall-fattispeċje tal-każ in eżami.

45. Għalhekk, fil-karenza ta' provi sosdisfaċenti u in vista tas-suespost, m'hemm l-ebda ksur ta' dan l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

46. L-**Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea** jiddisponi:

> (1) *Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*
>
> (2) *M'għandux ikun hemm indħil minn awtorita` pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjeta' demokratika fl-interessi tas-sigurta' nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-għemil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.*

47. Jingħad minn dina l-Qorti illi, bħala prinċipju, il-Konvenzjoni Ewropea tħalli f'idejn l-Istati Membri kif jirregolaw l-għoti u tneħħija taċ-ċittadinanza. Madanakollu, il-Qorti Ewropea irribadiet ukoll li għalkemm m'hemm ebda dritt għaċ-ċittadinanza fil-Konvenzjoni, dejjem irid jiġi mistħarreġ jekk kienx hemm interferenza ta' dritt skont l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

48. Fil-każ **Hasan Hasan et vs Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni** deċiża mill-Qorti Ċivili Sede Kostituzzjonali fl-20 ta' April 2009 kif ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Marzu 2010, ingħad:

> *"Il-Qorti tirreferi wkoll għall-każ* ***Tysiac vs Poland*** *ta' l-24 ta' Settembru 2007 li jagħmilha ċara li kull interferenza trid tkun ġustifikata skont it-tieni paragrafu. Huwa ovvju li kull Stat għandu d-dritt li jikkontrolla d-dħul, ir-residenza u t-tkeċċija tal-persuni li mhux ċittadini fit-territorju tiegħu (Moustaquim vs Belgium, 1991 – ara wkoll* ***Van Dijk u Van Hoff: Theory and Practice of the European***

> ***convention on human Rights****). Naturalment dan id-dritt ta' l-istat irid jittieħed fid-dawl tal-ħajja privata, u hawnhekk wieħed irid jara jekk teżistix ħajja familjari li ħaqqha l-protezzjoni u jekk l-interferenza hiex ġustifikata (Ara* ***Raid Mabruk El Masri vs l-Onorevoli Prim Ministru et*** *deċiża fl-4 ta' Ottubru 2004)."*

49. Dwar dan is-suġġett, l-awturi **DJ Harris, M O'Boyle u C Warbick, Law of the European Convention on Human Rights**, pag, 313 jgħidu hekk:

> *"It should be noticed at the outset that the obligation on the state is to respect family life: it does not allow persons to claim a right to establish family life, eg by marrying or having the opportunity to have children, nor a general right to establish family life in a particular jurisdiction."*

50. Ġie spjegat ukoll fil-każ **Abdulaziz Cabalas and Balkandali vs UK** deċiż mill-Qorti Ewropea fl-1985, fejn ġie ritenut li l-artikolu 8 ma jipproteġix id-dritt ta' l-individwu li joqgħod fi Stat partikolari iżda:

> *"The duty imposed by Article 8 cannot be considered as extending a ġeneral obligation on the part of a contracting state to respect the choice by married couples of he country of their matrimonial residence and to accept the non-national spouses for settlement in that country."*

51. Fil-każ **Monchef Choubene vs Kummissarju tal-Pulizija** (657/1998/1) deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Diċembru 2001, ingħad:

> *"Fi kliem ieħor, din il-Qorti tqis li jeżisti kemm id-drittt għal hekk imsejħa family life, kif ukoll id-dritt ta' l-istat li jikkontrolla l-immigrazzjoni ta' nies li mhumiex ċittadini tiegħu meta dawn ikunu jew ser jidħlu jew jinsabu diġà fit-territorju tiegħu. Mill-banda l-oħra, mhux kull interferenza tal-family life da parti ta' l-istat hija vjetata għaleix jista' jissussistu ċirkostanzi fejn tali interferenza tkun permissibbli." (Ara wkoll* ***Ghasan Kaseb et vs Il-Prim Ministru, il-Ministru għall-Ġustizzja et*** *(4/2008) deċiż mill-Prim' Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-13 ta' Ġunju 2011)."*

52. L-intimati, fis-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tagħhom, irreferew għall-każ **Tarek Mohammed Ibrahim vs Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u Intern et** (33/2006/1) deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Mejju 2012: fejn ingħad hekk:

> *"Il-Qorti Kostituzzjonali għamlitha ċara li d-dritt ta' ċittadinanza mhuwiex wieħed mid-drittijiet sostantivi tal-Konvenzjoni."*

53. Issir ukoll referenza għall-każ **Fatiha Khallouf vs Ministru tal-Affarijiet Barranin u Avukat Ġenerali** (69/2011) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Marzu 2014, ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Marzu 2014, fejn saret ukoll referenza għall-każ **Tarek Mohammed Ibrahim vs Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ċustizzja u Intern et**, u ingħad speċifikament hekk:

> *"Għalhekk, l-artikolu 8 ma jistax jiġi eskluż a priori minħabba r-raġuni biss li d-dritt għaċ-ċittadinanza mhux wieħed mid-drittijiet sostantivi tal-konvenzjoni, imma kellu jiġi mistħarreġ mill-Qorti jekk kienx hemm, fil-każ in eżami, arbitrarjeta` fit-tneħħija taċ-ċittadinanza."*

54. Il-Qorti tqis illi għandha wkoll tagħmel referenza, mill-ġdid għal dak dikjarat każ suċitat **Tarek Mohammed Ibrahim vs Viċi Prim Ministru et**: fejn ġie ribadit:

> *"Meta r-rikorrent applika għaċ-ċittadinanza Maltija l-liġi kienet ċara li f'każ ta' qerq tista' titneħħa."*

**Ikkunsidrat**

Jirriżulta illi fit-28 ta' Frar 2019 ir-rikorrent kien ġie infurmat li kien ser jinħareġ fil-konfront tiegħu ordni ta' privazzjoni miċ-ċittadinanza Maltija abbażi tal-artikolu 14(1) tal-Kap 188 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ordni eventwalment inħareġ fit-2 ta' Diċembru 2019.

55. **L-Artikolu 14(1) tal-Kap 188** jistipula:

> *"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-Ministru jista' b'ordni jippriva miċ-ċittadinanza tiegħu Maltija kull ċittadin ta' Malta li jkun hekk b'reġistrazzjoni jew naturalizzazzjoni jekk ikun sodisfatt li r-reġistrazzjoni jew ċertifikat ta' naturalizzazzjoni kien miksub permezz ta' qerq, rappreżentanza falza jew il-ħabi ta' xi fatt sostanzjali."*

56. Jirriżulta li r-rikorrent kien ġie nfurmat illi l-imsemmija privazzjoni taċ-ċittadinanza kienet inħarġet abbażi tal-artikolu 14(1) stante li huwa kien ottjena iċ-ċittadinanza b'qerq.

57. Il-Qorti, hawnhekk tosserva li, fejn jirrigwarda l-qerq allegat, l-intimati għamluha ċara li dan kien riżultat tal-fatt illi r-rikorrent kien daħal fi żwieġ ta' konvenjenza sabiex jottjeni l-freedom of movement u ċittadinanza Maltija. Hawnhekk, il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza tal-annullament taż-żwieġ ma' Josette Debattista, ġia fuq riferuta, liema sentenza tinsab eżebita a fol 24. Fis-sentenza ingħad:

> *"Finalment huwa ovvju li l-attur daħal għal dan iż-żwieġ prinċipalment, jekk mhux unikament biex jakkwista il-freedom of movement f'Malta.*

> *....Il-Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tiddikjara li ż-żwieġ ċelebrat bejn il-kontendenti kif fuq ingħad fil-5 ta' Ġunju 1993 huwa null u mingħajr effett fil-liġi."*

58. Il-Qorti tosserva li, ż-żwieġ ta' konvenjenza, kif deskritt fis-sentenza tal-Qorti fuq imsemmija, u l-intenzjoni tar-rikorrent li jiżżewweġ sabiex jakkwista l-'free movement', jaqgħu lkoll fl-ambitu tal-artikolu 14(1) tal-Kap 188. Konsegwentement, seta' jinħareġ ordni illi jippriva miċ-ċittadinanza Maltija kull persuna, li hija ċittadin ta' Malta, u li jkun ottjena ċ-ċittadinanza b'qerq jew ħabi ta' fatt sostanzjali.

59. Ladarba jinsab dikjarat, fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, li ż-żwieġ tar-rikorrent ma' Josette Debattista ġie dikjarat bħala null u bla effett, peress li r-rikorrent iżżewweġ għall-konvenjenza, hija leġittima illi l-Awtoritajiet responsabbli, fil-każ odjern, is-Segretarji Parlamentari, jimxu skont il-Liġi u jipproċedu bil-ħruġ tal-ordni tal-privazzjoni taċ-ċittadinanza fil-konfront tar-rikorrent, stante li ż-żwieġ tiegħu kkwalifika bħala wieħed ta' konvenjenza u għalhekk huwa akkwista ċ-ċittadinanza b'qerq u frodi.

60. Ikkunsidrat dan, il-Qorti tqis illi għandu jiġi eżaminat jekk attwalment kienx hemm ksur tal-imsemmi artikolu 8 skont kif qed jallega r-rikorrent. Kif sottomess mill-intimati, ma jista' jkun hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea meta toħroġ ordni skont il-Liġi. Apparti minn hekk, jirriżulta illi d-deċiżjoni li pprivat lir-rikorrent miċ-ċittadinanza ngħatat fl-isfond tas-sentenza tal-Qorti eżebita a fol 24, kif ukoll abbażi tal-artikolu 14(1) tal-Kap 188 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 14(4) u (5) tal-istess Kap 188 li minnhom twaqqaf il-Kumitat ta' Inkjesta.

61. Peress id-deċiżjoni tas-Segretarju Parlamentari, in segwitu għad-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Investigazzjoni, hija ben motivata u ġustifikata, stante li ħareġ ċar li r-rikorrent kien ottjena ċ-ċittadinanza tiegħu b'qerq bl-intenzjoni li jibqa' ċittadin Malti, anke in segwitu għall-annullament taż-żwieġ tiegħu ma' Josette Debattista, il-Qorti ma tirrileva ebda arbitrarjeta` fl-ordni tat-tneħħija taċ-ċittadinanza, u għalhekk lanqas ma jirriżulta ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

62. Finalment, dwar dak sostnut mir-rikorrent, li huwa irrinunzja għaċ-ċittadinanza Eġizzjana sabiex jakkwista dik Maltija, il-Qorti tirrileva illi dina mhijiex ta' rilevanza għall-każ in diżamina, peress illi dana ma jinkwadrax ruħu fl-istħarriġ li kellu jsir f'każ ta' din ix-xorta, li huwa strettament dwar jekk hemmx ksur tal-artikolu 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

63. Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti ser tgħaddi biex tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-intimati, u tiċħad it-talba tar-rikorrent għar-raġunijiet spjegati.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi semgħet ix-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tar-rikorrent u ta' l-intimati;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** it-talba tar-rikorrenti, kif dedotta fir-rikors promotur tiegħu.

**L-ispejjeż** għall-proċeduri odjerni għandhom ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur